**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Andy Buttigieg**

**Illum l-20 ta' April 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Andy Buttigieg** iben Saviour u Rita nee Zammit imwieled Rabat Ghawdex fl-1 ta' Gunju 1995 u resident 127, Bella Vista, Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 20395G, akkuzat talli;

1. Fil-5 ta' Dicembru 2020 ghall-habta ta' 09.30hrs jew fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed fl-inhawi tar-Riserva tal-Ghadira, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz li jkun xi ghasfur u ghaldaqstant naqas milli jissodisfa l-kondizzjonijeit kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42.
2. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qieghed gewwa r-Riserva Naturali ta' l-Ghadira zamm jew garr arma tan-nar li tkun kargata jew bl-iskratac fil-kompartiment ta' l-iskratac ta' l-arma jew barra l-ghata taghha, jekk mhux f'post fejn huwa permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur ta' Regolament 17, SL 549.42;
3. Fl-istess data, lok, hin u cirksotanzi ikkaccja, iwegga', jiehu jew jipprova jikkaccja, jwegga' jew jiehu xi ghasfur min Santwarju ta' l-ghasafar u dan bi ksur ta' Reg. 24 (a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu xi arma tan-nar, munizzjoni, ghasafar tat-tahrik, xibka jew kull mezz iehor ghall-kacca jew ghat-tehid ta' xi ghasfur f'santwarju ta' l-ghasafar u dan bi ksur ta' Reg 24 (c) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006;
5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita ta' kacca jew insib xi gass' jew xi apparat elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Reg 7 (1)(d), L.S. 549.42;
6. Fl-istess data, hin, look u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess tieghu bird caller u dan bi ksur tar-Reg 7(2), L.S. 549.42.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli that l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' htija barra li taghti l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat l-atti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda jixhdu fis-seduta tat-28 ta' Frar 2022;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti, l-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti provi: affidavit ta' PC866 G. Attard; affidavit ta' PC1455 D. Frendo; Nicholas Grech in rapprezentanza tal-*Wild Bird Regulation Unit* (WBRU). Mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li waqt li l-pulizija kienu fuq ronda n-naha ta' fuq ta' Malta, gew infurmati li fl-inhawi ta' bejn l-Ghadira u Popeye Village kien hemm xi ghajjat tal-*birdcallers* ghall-pluvieri. Il-pulizija marru fuq il-post, segwew l-ghajjat tal-*birdcaller* u eventwalment innotaw persuna li kienet *flagrente delicto* bis-senter ghall-kacca. Jirrizulta li hekk kif l-imsemmi kaccatur induna bil-prezenza tal-pulizija huwa tefgha l-birdcaller. Wara li l-pulizija gew infurmati li l-*area* fejn kien qed jikkaccja l-imputat setghet kienet ir-rizerva tal-Ghadira, l-pulizija regghu marru fuq il-post sabiex jiehdu l-lokazzjoni ezatta ta' fejn il-qua imputat kien allegatament qed jikkaccja u cioe': 35.964913, 14.342538 (giet ipprezentata ukoll mappa in sostenn ta' dan) u minn dawn il-koordinati rrizulta li effettivament il-qua imputat kien qieghed jikkaccja f' santwarju tal-ghasafar.

Illi d-difiza, min-naha taghha, ghazlet li taghmel il-kontroezami ta’ PC1455 D. Frendo u sussegwentament ghalqet il-provi taghha. Illi mill-kontro-ezami PC1455 ikkonferma li fuq il-post ma hemmx tabelli li jindikaw li hemmhekk hemm santwarju tal-ghasafar. Ikkonferma ukoll li l-koordinati tal-lokazzjoni ma hadhomx fil-prezenza tal-imputat ghaliex l-imputat kien lahaq telaq minn fuq il-post.

Illi l-abbli difensur jargumenta li l-qua imputat ghandu jigi lliberat mill-imputazzjonijiet odjerni galadarba l-koordinati ma ttiehdux fil-prezenza tal-qua imputat u l-ghaliex fuq is-sit in kwistjoni ma hemmx tabelli li jimmarkaw li dik hija zona ta’ santwarju tal-ghasafar.

Illi mill-provi mressqa jirrizulta car mix-xhieda tal-pulizija li l-qua imputat kien qed jikkaccja b’uzu ta’ *bird caller* fl-area hawn fuq indikata li hija meqjusa bhala santwarju tal-ghasafar. Huwa minnu li mill-provi jirrizulta li l-koordinati ma ttiehdux fil-prezenza tal-qua imputat madanakollu dina l-Qorti ma ghandha l-ebda raguni l-ghaliex tiddubita li l-koordinati tal-lokazzjoni ttiehdu precizament mill-post li l-qua l-imputat kien osservat jikkaccja mill-pulizija. Dana anke ghaliex kien l-istess ufficjal tal-pulizija li hadhom.

Stabbilit dan, issa l-Qorti trid tiddetermina jekk in-nuqqas ta’ tabelli fuq il-post li jindikaw li l-inhawi huma santwarju tal-ghasafar (hekk kif jirrizulta mill-provi) ghandux iwassal ghal-liberatorja tal-qua imputat hekk kif qed issostni d-difiza. Ir-regolament 24(a) tal-Ligi Sussidjara 549.42 jistipula:

> *Ħlief kif provdut fir-regolament 23, ebda persuna m’għandha:*
>
> *(a) tikkaċċja, tweġġa’, tieħu jew tipprova tikkaċċja, tweġġa’ jew tieħu, xi għasfur f’santwarju tal-għasafar;*

In-numru 7 tal-Skeda V tal-istess Ligi Sussidjarja tindika bhala Santwarju tal-Ghasafar: *Il-madwar tal-Għadira, fil-Bajja tal-Mellieħa, kif jidher fil-mappa mehmuża ma’ dawn ir-regolamenti.*

Ghaldaqstant mil-ligi jirrizulta carissimu fejn hu precizament l-imsemmi Santwarju tal-Ghasafar gewwa l-Ghadira. Kif inhu ben risaput, *ignorance of the law is no excuse.* In-nuqqas ta’ tabelli u/jew immarkar fuq is-sit in kwistjoni li hemmhekk huwa santwarju tal-ghasafar ma jnaqqas xejn mill-fatt li dan jirrizulta car mil-ligi ghaldaqstant l-imputat huwa prezunt li kien jaf bl-istess. Dana iktar u iktar meta mill-provi mressqa jirrizulta li l-imputat kellu d-dura fil-vicinanzi tal-istess sit.

Fid-dawl ta' dan kollu suespost, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputat.

Fir-rigward tal-piena din l-Qorti ser tqis il-fatti kollha relatati mal-imputazzjonijiet li taghhom qed jinsab hati, partikolarment il-fatt li l-qua imputat kien qed jikkaccja f'santwarju tal-ghasafar u cioe' f'lok specifikament intiz ghall-protezzjoni tal-ghasafar. Ser tqis ukoll il-fatt li fuq is-sit ma kienx hemm tabelli vizibbli ghall-istess santwarju u l-fatt li l-imputat inqabad ftit metri 'l gewwa fl-imsemmi Santwarju. L-Qorti ser tqis ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, il-fedina penali tal-istess imputat li hija wahda netta kif ukoll il-kooperazzjoni tieghu fi stadju tal-investigazzjonijiet.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 7(1)(d), 7(2), 12(1), 17, 24(a), u 24(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 hekk kif sussegwentament emendat (LS549.42 tal-Ligijiet ta' Malta), qed issib lill-qua imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' Eur. 2,000 li li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' Eur. 200 fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess relevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

In oltre, il-Qorti, ai termini tal-istess disposizzjoni tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur